**31 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D.**

Maria Dolores Vella

*versus*

Avukat Dottor Eric Mamo *noe et*

**Mandat - Mandat ta' Qbid - Oġġetti Parafernali**

*L-attriċi impunjat mandat ta' qbid maħruġ mill-banka attriċi kontra żewġha għaliex iddemostrat illi l-oġġetti maqbuda fil-mandat kienu proprjeta` parafernali tagħha.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi ppremettiet:

"Illi l-konvenut Dottor Eric Mamo *nomine* ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' qbid numru 1142/92 kontra l-konvenut Joseph Vella li huwa r-raġel ta' l-attriċi;

Illi in forza ta' dan l-att inqabdu oġġetti li huma proprjeta`

parafernali ta' l-attriċi kif jirriżulta mill-kuntratt li kien sar bejn il-konjuġi Vella fl-10 ta' Ottubru, 1986 in atti Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha;

Illi ukoll ġie ordnat il-bejgħ in subbasta ta' l-istess oġġetti min din l-istess Qorti:

Talbet li din il-Qorti:

Tiddikjara li permezz tal-mandat imsemmi nqabdu oġġetti li huma proprjeta` parafernali ta' l-attriċi;

Tirrevoka l-esekuzzjoni ta' l-istess mandat in kwantu jolqtu l-oġġetti msemmija;

Tirrevoka d-digriet ta' l-istess Qorti mogħti fit-3 ta' Settembru, 1994 li permezz tiegħu ġie ordnat il-bejgħ in subbasta ta' l-oġġetti maqbuda bl-istess mandat, dejjem fejn jolqtu l-istess oġġetti ddikjarati proprjeta` parafernali ta' l-attriċi;

Bl-ispejjeż";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attriċi;

Rat li l-konvenut Joseph Vella debitament innotifikat bl-att taċ-ċitazzjoni baqa' ma ppreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr. Eric Mamo *nomine* li biha eċċepixxa:

"Illi l-attriċi trid tipprova li l-oġġetti elenkati fil-mandat ta' qbid numru 1142/92 huma proprjeta' parafernali tagħha;

Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost il-konvenut Mid-Med Bank Limited m'għandhux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

Salv eċċezzjonijiet oħra";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tal-5 ta' Mejju, 1995 li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawża l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-oġġetti mobbli maqbuda mill-pussess tagħha fuq talba tal-Bank konvenut bil-mandat ta' qbid numru 1142/92 kienu fil-fatt tal-proprjeta' esklussiva tagħha. L-oġġetti ġew elevati in esekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ li kkundannat lil żewġha Joseph Vella, konvenut f'din il-kawża, li jħallas debitu li kellu flimkien ma' oħrajn favur il-Bank konvenut. Kif fuq indikat il-konvenut żewġha baqa' kontumaċi f'din il-kawża;

L-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* fil-meritu hi ġustament illi

l-attriċi kellha tipprova li l-oġġetti elenkati fil-mandat ta' qbid kienu ta' proprjeta` parafernali tagħha. Din il-prova l-attriċi għamlitha billi:

Ipproduċiet kopja ta' kuntratt bejnha u bejn żewġha datat 6 ta' Ottubru, 1986; skrittura post nuzzjali li għamlu wara d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili. F'din l-iskrittura ġew iddikjarati l-oġġetti li l-attriċi ħadet b'titolu ta' dota fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha;

*Dawn l-oġġetti huma elenkati f'dokument anness mal-kuntratt* u jinkludu prattikament l-oġġetti kollha almenu dawk ta' ċertu valur - elevati mill-Marixxal tal-Qorti fir-riferta li kopja tagħha hi esebita fl-atti. Hemm xi eċċezzjonijiet żgħar ta' mobbli ta' ftit valur li mhux il-każ li l-Qorti toqgħod tiddistingwihom;

Rilevanti illi l-iskrittura post nuzzjali saret ormai kważi sitt snin qabel l-esekuzzjoni tal-mandat u ħames snin mid-data ta' meta ġie kanonizzat il-kreditu favur il-Bank konvenut bis-sentenza preċitata. L-iskrittura saret allura fi żmien li ma kienx sospett u ma hemm xejn fl-atti li jġiegħel lill-Qorti tiddubita mill-korrettezza tagħha;

It-talba attriċi tirriżulta ġustifikata kif hi ukoll ġustifikata l-eċċezzjoni tal-Bank konvenut fir-rigward ta' l-ispejjeż ta' din il-kawża. Hu sewwa li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jiġu sopportati mill-konvenut Joseph Vella li pprovokahom minħabba l-inadempjenza tiegħu li jħallas id-debitu minnu dovut;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi kif dedotti;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut Joseph Vella.